MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 205/2006

**Joseph u Matilde konjugi Cassar [ID 384954M u 109850M]**

**vs**

**Charles Mizzi ghan-nom tas-Socjeta' Chamiz Services Ltd.**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba ta' l-atturi, in linea ta' danni, ghall-kundanna tal-konvenut nomine ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000) li gew rekati lilhom konsegwenza ta' xogholijiet hziena illi l-konvenut wettaq waqt li kien qed jesegwixxi kuntratt ta' appalt sabiex jimmodernizza s-swimming pool u l-pool area ta' l-atturi u dan anke skond ma jikkonferma l-Perit Vince Buhagiar A&CE permezz ta' rapporti datati 11 ta' Mejju 2006 u 30 ta' Gunju 2006 rispettivament.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Mejju 2006, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex il-konvenut nomine iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut nomine naqas u ma deherx, la fit-30 ta' Ottubru, 2006 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------